MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR
## DOREEN CLARKE

Seduta tal-15 ta' Dicembru, 2006

Talba Numru. 1885/2005

**Carmen Calafato**

**vs**

**Kummissarju Tal-Pulizija**

It-Tribunal

Ra l-Avviz f'l-ismijiet premessi prezentat fit-23 ta' Novembru 2005 li permezz tieghu l-attrici talbet hlas tas-somma ta' hames mitt lira maltin (Lm500.00) rapprezentanti danni sofferti mill-attrici fil-propjeta taghha b' l-imghaxx u b'l-ispejjez.

Ra n-nota ta' Mistoqsijiet ta'l-attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigu pruvat ai termini ta' l-Artikoli 698(2) u 702 tal-Kapitolu 12

tal-Ligijiet ta’ Malta u l-Artikolu 13 (b) tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ra li ghalkemm il-konvenut gie notifikat b’l-avviz fi 16 ta’ Dicembru 2005, naqas li jidher meta gew prezentati l-Kapitoli u anke llum, u ghalhekk in-Nota ta’ Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ghaldaqstant, it-Tribunal jaqta u jiddeciedi billi jilqa t-talbiet attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas s-somma ta’ hames mitt lira maltin (Lm500.00) b’l-imghaxx u b’l-ispejjez kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------